IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.2.2023
COM(2023) 120 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-emendar tar-regoli ta' proċedura tiegħu

ANNESS

ABBOZZ TA' DEĊIŻJONI NRU [..]/2023 TAL-GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV KONĠUNT STABBILIT MILL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ MILL-UNJONI EWROPEA U MILL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA

ta' [XX]

li temenda r-regoli ta' proċedura tiegħu

IL-GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika[1] ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ"), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(6) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq tal-Ftehim dwar il-Ħruġ ("il-Protokoll"),

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 15(6) tal-Protokoll, il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv Konġunt (il-"grupp ta' ħidma") jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess b'kunsens reċiproku. Il-grupp ta' ħidma adotta r-regoli ta' proċedura tiegħu fl-ewwel laqgħa tiegħu fid-29 ta' Jannar 2021.

(2) Sa mill-ewwel laqgħa tiegħu, l-Unjoni u r-Renju Unit żviluppaw l-operat tal-grupp ta' ħidma, u identifikaw prattiki li jtejbu l-mod li bih il-grupp ta' ħidma jwettaq il-kompiti tiegħu kif definit fl-Artikolu 15 tal-Protokoll.

(3) B'mod partikolari, dan it-titjib jiżgura aħjar li r-Renju Unit ikun jista' jiddiskuti l-fehmiet tiegħu fil-grupp ta' ħidma dwar l-atti tal-Unjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Protokoll, inkluż abbażi tal-kontribut ipprovdut mill-partijiet ikkonċernati fl-Irlanda ta' Fuq, sabiex ikunu jistgħu jiġu kkunsidrati qabel ma tali atti tal-Unjoni jiġu adottati.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv Konġunt għandhom jiġu emendati kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara d-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi XX, XX ta' Frar 2023

Għall-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv Konġunt

Il-Kopresidenti

[1] ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.

ANNESS

Ir-Regola 3 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv Konġunt (*Il-parteċipazzjoni fil-laqgħat*) hija emendata kif ġej:

1) It-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej: "Il-parteċipazzjoni fil-laqgħat u fis-sottogruppi strutturati"

2) Jiżdiedu l-punti 3, 4 u 5 li ġejjin:

"3. Fejn xieraq, il-grupp ta' ħidma għandu jkun appoġġat minn sottogruppi strutturati, magħmula minn uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Gvern tar-Renju Unit, li se jassistu lill-grupp ta' ħidma fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu bħala forum effettiv għall-iskambju ta' informazzjoni u għall-konsultazzjoni reċiproka.

4. Għandhom isiru laqgħat fis-sottogruppi strutturati, skont il-bżonn, biex jiġi żgurat li l-fehmiet tar-Renju Unit dwar l-atti tal-Unjoni ppjanati li dwarhom għandu jsir skambju ta' informazzjoni skont l-Artikolu 15(3) tal-Protokoll jitqiesu mill-Unjoni f'waqthom.

5. Ir-regoli kollha previsti f'dawn ir-Regoli ta' Proċedura fir-rigward tal-laqgħat għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal-laqgħat tas-sottogruppi strutturati."